



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B9-0311/2021**

2.6.2021

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-issodisfar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tas-sospensjoni tal-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini kontra l-COVID-19, it-trattament, it-tagħmir u ż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw  
(2021/2692(RSP))

**Samira Rafaela, Karen Melchior, Dita Charanzová, Liesje Schreinemacher, Svenja Hahn, Nicola Danti, Nicolae Ștefănuță, Frédérique Ries, Petras Auštrevičius, Martin Hojsík**  
f'isem il-Grupp Renew

**B9-0311/2021**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-issodisfar tal-isfida globali tal-COVID-19: l-effetti tas-sospensjoni tal-Ftehim TRIPS tad-WTO fuq il-vaċċini kontra l-COVID-19, it-trattament, it-tagħmir u ż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u manifattura fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (2021/2692(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar l-Aspetti tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali Relatati mal-Kummerċ (TRIPS), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika adottat fl-14 ta' Novembru 2001,
  - wara li kkunsidra l-proposta għal sospensjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS mill-Indja u mill-Afrika t'Isfel tat-2 ta' Ottubru 2020,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Ambaxxatur Katherine Tai tal-5 ta' Mejju 2021 dwar is-sospensjoni tat-Ftehim TRIPS tal-COVID-19,
  - wara li kkunsidra l-proposta riveduta għal sospensjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS kif ikkomunikata fil-21 ta' Mejju 2021 minn 62 Membru tad-WTO,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija globali; billi fl-24 ta' Mejju 2021 kien hemm aktar minn 166 miljun każ ikkonfermat madwar id-dinja u aktar minn 3.4 miljun mewta kkonfermata;
- B. billi l-pandemija globali attwali tal-COVID-19 tirrikjedi strateġija globali għall-vaċċini, għad-dijanostika, għat-trattamenti u għall-produzzjoni u għad-distribuzzjoni tat-tagħmir; billi huwa meħtieġ approċċ olistiku, ibbażat fuq ix-xjenza u l-fatti biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-saħħa relatati mal-pandemija;
- C. billi d-WTO wissiet li l-pandemija tirrappreżenta tfixkil bla preċedent għas-sitwazzjoni sanitarja globali, għall-ekonomija u għall-kummerċ dinji; billi t-tfixkil sanitarju bħall-pandemiji jirrikjedi rispons ikkoordinat għal theddida dinjija; billi t-tfixkil u l-ostakli għall-kummerċ globali jirrikjedu kooperazzjoni u soluzzjonijiet globali, u jridu jiġu indirizzati fil-livell internazzjonali u Ewropew kull fejn ikun possibbli; billi l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' vaċċini u tagħmir mediku relatati mal-pandemija tal-COVID-19 jistgħu jibbenefikaw b'mod speċjali minn approċċ wiesa' u olistiku għall-produzzjoni u għad-distribuzzjoni;
- D. billi fit-2 ta' Ottubru 2020 l-Indja u l-Afrika t'Isfel ikkomunikaw lill-Membri tal-Kunsill TRIPS fid-WTO proposta għas-sospensjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS

- għall-prevenzjoni, il-konteniment u t-trattament tal-COVID-19 u test ta' abbozz ta' deċiżjoni propost; billi mill-25 ta' Mejju 2021, mill-227 miljun vaċċin esportat, il-maġġoranza l-kbira kienu ntbagħtu lill-pajjiżi żviluppati u lill-alleati mill-qrib; billi mit-8 ta' Mejju 2021, 72 miljun kienu ġew esportati lejn il-Ġappun, 19-il miljun lejn ir-Renju Unit, 18-il miljun lejn il-Kanada, 10 miljuni lejn il-Messiku, 7 miljuni lejn l-Arabja Sawdija, 5 miljuni lejn it-Turkija, 5 miljuni lejn l-Iżvizzera, 3 miljuni lejn Singapore, 3 miljun lejn il-Kolombja u 3 miljuni lejn il-Korea;
- E. billi mit-30 ta' Mejju 2021, l-UE kienet qassmet 260 miljun vaċċin fuq livell intern u esportat 226 miljun vaċċin; billi l-UE hija kontributor ewlieni għall-COVAX;
- F. billi l-amministrazzjoni Biden-Harris fil-5 ta' Mejju 2021 ħarġet dikjarazzjoni b'appoġġ għas-sospensjoni tal-protezzjonijiet tal-proprjetà intellettwali għall-vaċċini kontra l-COVID-19 u enfasizzat li l-Istati Uniti se jipparteċipaw b'mod attiv fid-WTO f'dawk li huma negozjati bbażati fuq it-test meħtieġa biex dan iseħħ; billi għadu mhux ċar x'tinvolvi l-proposta tal-Istati Uniti u jekk hijiex konformi mal-proposta magħmula mill-Indja u mill-Afrika t'Isfel;
- G. billi l-Istati Uniti kienu fuq quddiem nett fid-dinja fil-produzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19; billi l-Istati Uniti użaw setgħa ta' żmien il-gwerra magħrufa bħala l-Att dwar il-Produzzjoni tad-Difiża (DPA) biex iġiegħlu lill-kumpaniji privati jissodisfaw il-kuntratti tagħhom fl-Istati Uniti qabel ordnijiet oħra; billi d-DPA huwa projbizzjoni de facto fuq l-esportazzjoni kemm tal-vaċċini kif ukoll tal-prodotti intermedji għall-produzzjoni tal-vaċċini, li taħtha l-Istati Uniti bilkemm esportaw vaċċini jew komponenti tagħhom sal-bidu ta' Mejju 2021 u b'hekk dan naqqas ir-ritmu tal-produzzjoni globali tal-vaċċini;
- H. billi minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika bla preċedent u allarmanti fl-Indja, il-Gvern Indjan impona projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' vaċċini li twassal għal tfixkil fil-provvista globali; billi l-COVAX hija dipendenti ħafna mill-vaċċini prodotti fl-Indja għad-distribuzzjoni globali tal-vaċċini;
- I. billi fil-21 ta' Mejju 2021, 62 Membru tad-WTO ppreżentaw proposta riveduta għal sospensjoni temporanja tal-ftehim TRIPS bil-għan li jsir progress fid-diskussjonijiet ibbażati fuq it-test; billi l-proposta riveduta għandha l-għan li tissospendi l-implimentazzjoni tat-Taqsimiet 1, 4, 5 u 7 tal-Parti II tal-Ftehim TRIPS kif ukoll l-infurzar tal-Parti III tal-Ftehim TRIPS fir-rigward tal-prodotti u t-teknoloġiji tas-saħħa għall-prevenzjoni, it-trattament jew il-konteniment tal-COVID-19 għal perjodu ta' mill-inqas 3 snin;
- J. billi din il-proposta l-ġdida tmur lil hinn mill-proposta inizjali tal-Indja u tal-Afrika t'Isfel, li tkopri mhux biss il-privattivi dwar il-vaċċini iżda l-prodotti u t-teknoloġiji kollha tas-saħħa fl-ispettru kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI), bl-eċċezzjoni tal-artisti, tal-produtturi tal-fonogrammi jew tal-organizzazzjonijiet tax-xandir;
- K. billi l-aċċess universali u ġust għall-vaċċini u għat-trattamenti kontra l-COVID-19 huwa prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea; billi hija meħtieġa l-protezzjoni mgħaġġla u effiċjenti tal-pajjiżi kollha biex tippoteġi liċ-ċittadini kollha tal-UE, tillimita t-tfaċċar ta' varjanti ġodda ta' tħassib fl-Ewropa u terġa' tistabbilixxi l-mobilità taċ-ċittadini tal-

UE madwar id-dinja kollha; billi ż-żieda fil-produzzjoni hija essenzjali biex jinkiseb tilqim globali; billi ż-żieda fil-manifattura tal-vaċċini hija prijorità globali; billi l-ktajjen tal-provvista globali għall-materja prima ma jridux jiġu mxekkla minn miżuri protezzjonisti jew minn ostakli nontariffarji għall-kummerċ; billi l-UE tqis li hemm bosta mogħdijiet u azzjonijiet promettenti li jridu jittieħdu sabiex jikkontribwixxu għal dan l-għan;

- L. billi l-vaċċini kontra l-COVID-19 u l-protezzjoni sussegwenti tal-proprjetà intellettuali li jinvolvu huma faċilitatur għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni globali, kif ukoll għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni; billi l-protezzjoni tal-proprjetà intellettuali toħloq ambjent ta' fiduċja għall-produtturi u għall-investituri, kif ukoll ċertezza għal żmien twil; billi r-riċerka u l-iżvilupp se jkunu kruċjali fuq perjodu ta' żmien twil biex jiġu prodotti vaċċini booster li jiproteġu kontra varjanti ġodda tal-COVID-19;
- M. billi, f'April 2021, id-Direttur Ġenerali tad-WHO Dr Tedros Adhanom Ghebreyesus iddikjara li fuq livell globali ngħataw 890 miljun doża ta' vaċċin, li aktar minn 81 % minnhom ingħataw lil pajjiżi b'introjtu għoli u lil dawk b'introjtu medju għoli; billi l-pajjiżi b'introjtu baxx ingħataw biss 0.3 % tal-vaċċini;
- N. billi fl-14 ta' April 2021, id-Direttur Ġenerali tad-WTO Ngozi Okonjo-Iweala qalet li mill-membri tad-WTO kienet tistenna: "azzjoni biex ikompli jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-ostakli għall-katina tal-provvista, u biex issir ħidma ma' organizzazzjonijiet oħra ħalli jiġu ffaċilitati l-loġistika u l-proċeduri doganali. Aħna qed nimmonitorjaw dan bħala parti mill-ħidma regolari tagħna, u se nkomplu nagħmlu dan biex inżidu l-provvisti u nżommu ktajjen tal-provvista robusti. Il-kummerċ ġie ssottolinjat bħala fattur kritiku fil-produzzjoni; hija r-responsabbiltà tal-membri tad-WTO li jaġixxu"<sup>1</sup>;
- O. billi bosta pajjiżi qed jiddependu mill-COVAX biex jiksbu vaċċini kontra l-COVID-19; billi l-Kummissjoni ħabbret li Tim Ewropa jaġhti b'donazzjoni mill-inqas 100 miljun vaċċin lil pajjiżi b'introjtu baxx u medju sa tmiem l-2021; billi l-mekkaniżmu tal-COVAX jiddgħajef bil-qawwa bid-deċiżjoni tal-Istitut Serum tal-Indja li jissospendi d-donazzjonijiet lil COVAX minħabba l-intensità għolja tal-pandemija fl-Indja;
- P. billi xi pajjiżi li qed jiżviluppaw li ngħataw vaċċini permezz tal-COVAX ma użawhomx minħabba nuqqas ta' fiduċja u eżitazzjoni għall-vaċċinazzjoni; billi l-ktajjen tal-provvista fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw iridu jittejbu; billi l-espansjoni tal-produzzjoni lokali, l-għarfien fost il-popolazzjoni u ż-żieda fl-assistenza għad-distribuzzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jżidu n-numru globali ta' persuni mlaqqmin;
- Q. billi l-prijoritajiet tal-UE għandhom ikunu l-ġlieda kontra n-nazzjonaliżmu tas-saħħa, iż-żamma tal-ktajjen tal-provvista miftuħa u l-użu tal-għodod kollha disponibbli biex jiġi appoġġjat l-aċċess għall-vaċċini, għad-dijanostika, għat-terapewtika u għal soluzzjonijiet oħra tal-provvista medika biex il-vaċċin kontra l-COVID-19 isir ben pubbliku globali disponibbli għal kulħadd;
- 1. Huwa mħasseb ħafna dwar it-tixrid tal-COVID-19 u l-varjanti tiegħu madwar id-dinja;

<sup>1</sup> [https://www.wto.org/english/news\\_e/spno\\_e/spno7\\_e.htm](https://www.wto.org/english/news_e/spno_e/spno7_e.htm)

jemmen li mhijiex biss ir-responsabbiltà tal-UE u tas-sħab tagħha, iżda responsabbiltà globali biex jiġu ggarantiti l-produzzjoni u d-distribuzzjoni mgħaġġla tal-vaċċini f'kull pajjiż; iqis li ċirkostanzi eċċezzjonali jirrikjedu soluzzjonijiet eċċezzjonali; jissottolinja r-rwol importanti taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) sabiex l-Unjoni Ewropea tidentifika u tivvaluta varjanti ġodda tal-COVID-19;

2. Jilqa' l-isforzi bla preċedent imwettqa mill-komunitajiet xjentifiċi u farmaċewtiċi fl-iżvilupp ta' diversi vaċċini ftali żmien qasir li wrew li kienu ta' suċċess fil-ġlieda kontra t-tixrid tal-COVID-19;
3. Ifakkar li l-Kummissjoni daħlet fi ftehimiet ta' xiri bil-quddiem ma' produttori individwali tal-vaċċini f'isem l-Istati Membri u ffinanzjat parti mill-ispejjeż inizjali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-produttori tal-vaċċini mill-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza fi ħdan l-Unjoni ta' EUR 2.7 biljun;
4. Huwa konvint li d-donazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' vaċċini lejn pajjiżi terzi huma passi kruċjali fid-distribuzzjoni tal-vaċċini, iżda li ż-żieda fil-produzzjoni globali tal-vaċċini, koordinazzjoni aħjar tal-provvisti, u ktajjen tal-valur imsaħħa, diversifikati u reżiljenti għall-vaċċini huma meħtieġa wkoll biex il-vaċċini jitqassmu madwar id-dinja kollha; jisħaq li t-trasferiment tat-teknoloġija u l-ftehimiet għall-ħruġ ta' liċenzji bejn il-laboratorji u l-unitajiet ta' produzzjoni f'pajjiżi terzi huma kruċjali għaż-żieda tal-produzzjoni globali tal-vaċċini u huma mod ta' benefiċċju biex tiżdied il-produzzjoni f'pajjiżi terzi, speċjalment fl-Afrika; iqis li għandu jiġi esplorat intraċċar diversifikat u komplementari biex tittejjeb il-ġlieda kontra l-pandemija; jissottolinja li l-kumpaniji farmaċewtiċi għalhekk għandhom rwol ewlieni fl-espansjoni tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-vaċċini;
5. Jisħaq li għandha tingħata prijorità akbar lill-kapaċità tal-produzzjoni tal-vaċċini u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi evitat li ssir pressjoni addizzjonali fuq il-manifatturi billi li jkun hemm ġlieda għall-materja prima għall-ħolqien tal-vaċċini;
6. Jitlob f'dan ir-rigward li ssir analiżi bir-reqqa ta' kif għandu jiġi applikat u implimentat b'suċċess l-Artikolu 31bis tal-Ftehim TRIPS u li jiġi approvat l-għoti ta' liċenzji tal-esportazzjoni lil pajjiżi li ma jistgħux jissodisfaw id-domanda domestika;
7. Jissottolinja li fuq perjodu ta' żmien twil, il-produzzjoni globali tal-vaċċini trid tiġi estiża biex tiġi ssodisfata d-domanda globali; jisħaq li l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-vaċċini fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw iridu jkun bbażati fuq governanza tajba u aċċess ugwali għall-vaċċini; jissottolinja li l-investment fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa meħtieġ biex dawn isiru awtosuffiċjenti fuq perjodu ta' żmien twil; jisħaq li l-pandemija wriet li minħabba l-livell baxx ta' żvilupp fir-rigward tas-sistemi tal-kura tas-saħħa f'ċerti pajjiżi, għandha tiġi diskussa strateġija globali tas-saħħa għal pandemiji futuri fil-livell multilaterali;
8. Jenfasizza li huwa importanti li l-membri tad-WTO u l-organizzazzjonijiet internazzjonali kkonċernati jaħdmu b'mod konġunt fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Aċċess għall-Mediċini u l-impenji globali biex jittejjbu l-eżiti fil-qasam tas-saħħa u l-aċċess għal prodotti mediċi bi prezzijiet raġonevoli;

9. Huwa mħasseb dwar il-projbizzjoni de facto fuq l-esportazzjoni li l-Istati Uniti u r-Renju Unit stabbilew rigward il-vaċċini kontra l-COVID-19 u l-oġġetti intermedji meħtieġa għall-produzzjoni tal-vaċċini, li wasslu effettivament għall-esportazzjoni ta' ammont żgħir ħafna ta' vaċċini u għal nuqqas ta' aċċess għar-riżorsi meħtieġa biex jinħolqu l-vaċċini, bħall-materja prima u l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi (APIs), u li r-ritmu tal-produzzjoni globali tal-vaċċini qed jonqos; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Istati Uniti u lir-Renju Unit ineħħu minnufih il-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni u jinvolvu ruħhom mal-UE, mad-WTO u ma' sħab oħra biex joħroġu bi proposti konkreti sabiex il-vaċċini jsiru disponibbli fuq skala globali; jinnota li l-proposta li għamli l-Istati Uniti hija limitata għal negozjati bbażati fuq it-test dwar is-sospensjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali għall-vaċċini kontra l-COVID-19 fil-qafas tad-WTO, mingħajr l-ebda proposta konkreta mressqa biex tiżdied il-produzzjoni u jitneħħew ir-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Istati Uniti u pajjiżi oħra dewmu d-diskussjonijiet dwar it-tfassil ta' trattat dwar il-pandemija li nbeda mill-UE li għandu l-għan li jsaħħaħ it-tħejjija tad-WHO u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa;
10. Iqis li ż-żidiet fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni globali tal-vaċċin jiddependu b'mod kritiku, fuq perjodu ta' żmien qasir, mill-eliminazzjoni tal-ostakli attwali u futuri għall-esportazzjoni u livell imsaħħaħ ta' djalogu u kooperazzjoni internazzjonali; jistieden lill-pajjiżi internazzjonali ewlenin kollha li jipproduċu l-vaċċini jżommu l-livell ta' impenn globali tagħhom u jeliminaw ir-restrizzjonijiet kollha fuq l-esportazzjonijiet sabiex iżidu l-kondiviżjoni u l-provvista dinjija tal-vaċċini;
11. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħmel kull sforz biex tgħin lill-iżviluppaturi tal-vaċċini jsibu sħab affidabbli fuq livell globali li jistgħu jikkondividu magħhom l-għarfien espert u t-teknoloġija tagħhom jew jidħlu fi ftehimiet ta' manifattura; jilqa' l-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-kooperazzjoni u l-liċenzjar fuq bażi volontarja huma l-aktar għodod effettivi biex jiġu ffaċilitati l-espansjoni tal-produzzjoni u l-kondiviżjoni tal-għarfien espert; jenfasizza bil-qawwa l-ħtieġa li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-Unitaid u mal-Aggregazzjoni tal-Privattivi tal-Mediċini sabiex jiġi żgurat aċċess ekwu għall-vaċċini, it-trattamenti u d-dijanostika f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju; jinnota li l-isforz tal-Kummissjoni biex jiġu identifikati u solvuti l-ostakli fil-produzzjoni għall-vaċċin kontra l-COVID-19 ġab riżultati tajbin, u għandhom jiġu previsti inizjattivi simili mas-sħab internazzjonali tagħna;
12. Jappoġġja bil-qawwa l-użu tal-pjattaforma tal-Għodda tal-Privattivi tal-Mediċini (MPP) tad-WHO biex jiġi żgurat aċċess għall-vaċċini u t-trattament f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju; jistieden lill-kumpaniji farmaċewtiċi jużaw il-liċenzjar volontarju biex jipprovdu pakketti ta' produzzjoni tal-vaċċini "turnkey" biex jittrasferixxu l-għarfien u jiffaċilitaw il-produzzjoni fil-pajjiżi kollha b'riżorsi limitati;
13. Jenfasizza li huwa importanti li l-membri tad-WTO jaħdmu flimkien biex jiżguraw aċċess f'waqtu għal prodotti mediċi bi prezzijiet raġonevoli; jieħu nota tad-diskussjoni attwali minn xi membri fid-WTO dwar il-possibbiltà ta' sospensjoni temporanja tal-Ftehim TRIPS għall-vaċċini kontra l-COVID-19; huwa tal-fehma li sospensjoni tal-Ftehim TRIPS ma ttejjibx il-kapaċitajiet tal-produzzjoni globali fuq perjodu ta' żmien qasir, li l-UE għandha tkun b'saħħitha fl-appoġġ tagħha għall-innovazzjoni u għad-DPI fid-diskussjonijiet globali, u li kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-qafas eżistenti għandha tkun soġġetta għaż-żieda effettiva tal-kapaċità tal-produzzjoni globali, filwaqt li jiġi

żgurat li l-vaċċini distribwiti b'mod ġust u ugwali; jappoġġja d-dikjarazzjoni reċenti tal-Kummissjoni u tal-Kunsill Ewropew u r-rieda tagħhom li jinvolvu ruħhom f'diskussjoni mas-sħab tagħna fid-WTO dwar il-flessibbiltajiet eżistenti fil-Ftehim TRIPS, bħal-liċenzjar obligatorju; ifakkar li s-soluzzjonijiet individwali possibbli ma jindirizzawx il-ħtiġijiet tal-produzzjoni globali attwali, iżda jappartjenu għal pakkett komprensiv ta' azzjonijiet li kollha għandhom jifasslu biex jitnaqqsu r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni, tiżdied il-produzzjoni u jingħelbu l-isfidi loġistiċi;

14. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu appoġġjati l-kapaċitajiet tal-manifattura fil-kontinent Afrikan u jilqa' bis-sħiħ it-tħabbira ta' Tim Ewropa li jappoġġja b'EUR 1 biljun inizjattiva mmirata lejn it-titjib tal-manifattura u tal-aċċess għall-vaċċini, għall-mediċini u għat-teknoloġiji tas-saħħa; jisħaq ukoll fuq l-importanza ta' qafas regolatorju adegwat għall-prodotti farmaċewtiċi u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-istabbiliment ta' Aġenzija Afrikana għall-Mediċini;
15. Jieħu nota tat-tħabbira tal-Kummissjoni li hija miftuħa għall-possibbiltà li jiġi ffaċilitat l-użu tal-liċenzjar obligatorju fejn meħtieġ, fil-qafas tal-Ftehim TRIPS fil-każ ta' problemi ta' produzzjoni ppruvati relatati mal-proprietà intellettwali, sabiex jiġi żgurat aċċess globali mgħaġġel għall-produzzjoni tal-vaċċini; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi kriterji oġġettivi għal jekk, meta u f'liema każijiet se tirrikorri għal-liċenzjar obligatorju; jisħaq li l-Ftehim TRIPS ma jispeċifikax ir-raġunijiet li jistgħu jintużaw biex jiġi ġġustifikat il-liċenzjar obligatorju; jenfasizza li d-Dikjarazzjoni ta' Doha dwar il-Ftehim TRIPS u s-Saħħa Pubblika tikkonferma li l-pajjiżi huma liberi li jiddeterminaw ir-raġunijiet għall-għoti ta' liċenzji obligatorji u li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi emerġenza nazzjonali; jisħaq li l-liċenzjar obligatorju jirrikjedi qafas legali effettiv u jista' jwassal għal diffikultajiet legali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni tesplora jekk u kif tista' tipprovdi appoġġ legali għal-liċenzjar obligatorju fil-pajjiżi l-anqas żviluppati;
16. Jisħaq li jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-isfidi emerġenti bħala konsegwenza taż-żieda fin-numru ta' produtturi, bħat-tfixkil potenzjali fil-katina tal-provvista u l-iskarsezza tal-materja prima u l-prodotti intermedjarji u ż-żidiet fil-prezzijiet tagħhom;
17. Jilqa' d-dikjarazzjoni li għamlet il-Kummissjoni matul is-Summit Globali dwar is-Saħħa li fiha ħabbret żieda fil-wegħda ta' Tim Ewropa għal mill-inqas 100 miljun vaċċin qabel tmiem l-2021; jisħaq li din id-donazzjoni ssir permezz tal-COVAX; jistieden lill-Istati Membri kollha biex jaqsmu d-dożi permezz tal-COVAX; jilqa' l-appoġġ li sar disponibbli għat-tqassim tal-vaċċini u l-materjal anċillari mill-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili; jistieden lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-kontribuzzjoni tagħhom għall-COVAX filwaqt li jiżguraw il-kisba tal-objettiv tat-tilqim ta' 70 % tal-popolazzjoni adulta tal-UE sa Lulju 2021; ifakkar li għalissa l-Unjoni Ewropea pprovdiet għal madwar 30 % tal-vaċċini tal-COVAX;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-mezzi kollha disponibbli biex tiġi ggarantita l-produzzjoni mgħaġġla tal-vaċċini kontra l-COVID-19 u d-distribuzzjoni rapida tagħhom madwar id-dinja; jissottolinja l-importanza li tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni u li tiġi permessa s-sigurtà tal-provvista tal-materja prima u tal-APIs meħtieġa għall-produzzjoni tal-vaċċini kontra l-COVID-19;

19. Jistieden lill-mexxejja tal-UE jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jikkollaboraw b'mod effettiv, ineħħu l-ostakli kollha għad-distribuzzjoni tal-vaċċini u jiżguraw tilqim mifruq fuq livell globali; jisħaq li jekk ma jsirx hekk dan jikkostitwixxi katastrofi għall-ekonomija u s-saħħa pubblika tagħna, u fl-aħħar mill-aħħar se jtawwal dan l-istat tad-dinja;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lid-Direttur Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.